DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 152243** **13.10.2015**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-FINANZI**

Il-Ministeru għall-Finanzi jixtieq jikkjarifika li l-miżuri tal-*budget* huma dawk imħabbra fid-diskors tal-bieraħ.

Il-Ministeru nġibditlu l-attenzjoni li bi żvista għal xi ħin fil-*website* tiegħu, ittella' *working document* minflok dokument finali, u li kien jinkludi proposti li mhumiex parti mid-diskors finali tal-*budget*. Dan id-dokument, li tiegħu ġew stampati wkoll numru zgħir ta' kopji provisjonali, ġie rtirat ftit tal-ħin wara.

Għalhekk, miżuri bħal dik tal-*classic cars* li qed tiġi rraportata minn xi ġurnali, hi miżura li ma ġietx aċċetta mill-Gvern u fil-fatt ma ġietx inkluża fid-diskors tal-*budget*.

Id-dokument jinkludi wkoll ċertu miżuri soċjali, li għad fadal xogħol tekniku x' isir fuqhom, u li dan ma ġiex konkluż fil-ħin biex jiġu inklużi fid-diskors tal-*budget*.

Hemm ukoll deċiżjonijiet amministrattivi, bħall-għoti tal-ex Cafe Premier lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, li mhumiex miżuri ta' *budget* u li l-Gvern se jkun qed jikkonferma fil-jiem li ġejjin.

Il-Ministeru jixtieq jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-ħaddiema tiegħu u tad-dipartimenti relatati għax-xogħol li wettqu minkejja l-pressjoni kbira ta' ħin li kellhom fuqhom.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt